TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

CCT/42/14/S

Mark u Rita Abela
vs
Frank Borda Limited

Illum 30 t'Ottubru,2014.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Mark u Rita konjugi Abela pprezentata fil-25 ta'Frar,2014 u r-risposta tas-socjeta Frank Borda Limited ipprezentata fit-23 ta'Gunju,2014;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lir-rikorrenti u lir-rapprezentant tas-socjeta intimata kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fit-2 t'Ottubru,2014;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'hob' mixtri mir-rikorrenti minghand is-socjeta intimata u wara ftit jiem, il-'burner' bidet itella' vampa nar filwaqt lib dew ifeggu xi tbajja fuq l-istess 'hob' tal-'istainless steel';

Illi fl-ewwel lok jinghad li r-rikorrenti stess tennew li dak allegat minnhom fegg mal-ewwel hekk kif inxtara l-imsemmi 'hob';

Illi min-naha taghha s-socjeta intimata indikat li t-tbajja feggew ghax il-'hob' tnaddaf u intuza' mhux skont il-'manual' ghalkemm ebda prova ma tressqet f'dan ir-rigward;

Illi min jallega, jrid jipprova u dan fuq l-istreqwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" kif spjegat fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) tat-13 ta'Jannar,1999 fl-ismijiet "Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited";

Illi dan it-Tribunal ihoss li r-rikorrenti irnexxilhom jippruvaw dak allegat minnhom u cioe li l-'hob' kien difettuz u wiehed ma jistenniex li tbajja jfeggu ftit wara li l-oggett inxtara;

Illi jinghad ukoll li tali hsara u tbajja saret fil-perjodu tal-garanzija;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Mark u Rita Abela u Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Frank Borda Limited filwaqt li Jordna lis-socjeta Frank Borda Limited taghti lil Mark u Rita Abela 'hob' gdid bhal dak minnhom mixtri, tal-istess marka u bl-istess specifikazzjonijiet u fin-nuqqas, is-socjeta intimata ghandha thallas lura lill-konjugi Abela is-somma ta' €189.99 filwaqt li l-konjugi Abela jirritornaw il-'hob' lis-socjeta intimata. Kull parti ghandha thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru